IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 27 t' Ottubru, 2025

Rikors numru: BCT/54/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Andrea Abela

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors fejn l-appellanti ikkontestat id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 t' Awwissu, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) u dana in vista ta' nuqqas ta' tindif immedjat, knis, hasil jew tnehhija ta' trab mit-triq bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08 fid-19 t' Awwissu, 2025 (indikata bhala data tal-ksur ta' dawn ir-Regolamenti).

Illi permezz tal-appell taghha l-appellanti tikkontendi li "*the fine imposed on Mr. Bonanno was unjustified. The report from a third party stating that a brick fell from the first floor level is inaccurate. (...) During the transportation of bricks, one unfortunately fell from the truck to the*

ground, and the fine was issued based on this erroneuous information. We kindly request that you reconsider your position and waive the fine."

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin ikunu annessi u mmarkati bhala Dok A – Trail of Events u bhala Dok B, sett ta' ritratti.*
3. *Illi hekk kif jidher mir-ritratti annessi ma' din ir-risposta jidher car li l-Awtorita` kellha legalment ragun meta imponiet il-penali.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda tal-Perit Melanie Spiteri fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2025.

Sema x-xhieda ta' Steve Bellia fis-seduta tal-1 t' Ottubru, 2025.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal u d-dokumentazzjoni kollha ezebita.

Ra l-verbal tas-seduta datata 1 t' Ottubru, 2025 fejn l-istadju tal-provi gie dikjarat maghluq u l-appell gie differit ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi permezz tal-appell taghha, l-appellanti tikkontendi l-penali inharget abbazi ta' rapport maghmul minn terza persuna fis-sens illi kien waqa' kantun mill-ewwel sular tal-bini. Sahqet li dan ma kienx minnu ghaliex il-kantun waqa' mit-trukk li fih kien qed jingarr u li ghalhekk il-penali ghandha tigi mahfura.

Illi madanakollu it-Tribunal ikollu jinnota minnufih li l-penali inharget, appuntu kif citat hawn fuq, minhabba allegat nuqqas ta' tindif immedjat, knis, hasil jew tnehhija ta' trab mit-triq. Il-kompitu tat-Tribunal huwa allura dak li jiddetermina jekk hux tassew li kien hemm in-nuqqas ravvizat mill-Awtorita` fid-data tal-allegat incident, lilhinn minn fatturi ohrajn dwar kif il-materjal ta' kostruzzjoni spicca fit-triq.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet relevanti tal-LS 623.08 senjatament l-art. 6 tal-Ewwel Skeda li jipprovdi testwalment:

> *Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:*
> *(a) kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;*
> *(b) ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;*
> ***(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;***
> *(d) knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;*
> *(e) pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetàta' terzi; u*
> *(f) qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjalieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.*

Fuq mistqosija tat-Tribunal, il-Perit Melanie Spiteri ghall-appellanti wiegbet hekk fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2025:

> "*Qed nigi mistoqsija mit-Tribunal jekk inghatajniex zmien biex innaddfu, nghid li zmien ma nghatajniex, inhareg stop works mill-ewwel pero`it-tindif sar dak il-hin stess minnufih. L-istop works tnehha l-ghada wara li t-triq giet imnaddfa tant kemm it-tindif sar minnufih.*"

Jigi precizat li l-Perita tikkonferma li ma kenitx fuq is-sit. F'dan il-kaz xehed ukoll il-haddiem inkarigat ossija Anthony Bonanno, dejjem waqt l-istess seduta:

> "*(F)'hin minnhom waqaghli nofs kantun mit-trakk stess. Jiena ghidt li kif inlesti naqbad u nnaddaf pero`kien hemm xi hadd illi qabad u cempel minnufih. Nghid illi jien komplejt inhott, xrobt ftit ilma u kif bdejt innaddaf, nara tnejn min-nies b'tablet fidejhom li kienu l-ufficjali tal-BCA. Nghid fil-fatt li kif rajt lil tal-BCA jien kont diga` se nibda nnaddaf.*
> *Fuq mistqosija tat-Tribunal, nghid illi jien kont diga` bdejt innaddaf, u kont diga` lest bil-pala u l-ixkupa imma min gie lanqas tani cans innaddaf. Nghid illi jien kemm ilni nahdem qatt ma tlaqt id-dar u hallejt hmieg warajja."*

Xehed ukoll l-ufficjal tal-Awtorita` Steve Bellia:

> *Dan ir-rapport daħal f'xi 11:45. Fuq il-post morna nhar id-19 t'Awissu 2025. Ngħid illi r-ritratti esebiti mill-Awtorita' u nista' nikkonferma li dak huwa dak li sibt fuq il-post. Nikkonferma wkoll il-ħin fuq ir-ritratt. X'ħin wasalt fuq il-post, il-bennej laqgħani mill-ewwel u qalli naħseb għal dan ġejt, b'referenza għal dak li jidher fir-ritratti.*
> *Qalli wkoll li kien se jixrob kinnie u kien se jinżel mal-ewwel biex inaddfu. Jien ngħid illi dak il-materjal kien ilu fit-triq madwar siegħa għaliex jekk wieħed jikkalkula l-ħin li ħadna aħna biex wasalna fuq il-post wara li daħal l-ilment u kwarta magħhom illi forsi dam il-kwerelant biex jagħmel l-ilment tiegħu. Jien ngħid illi lill-bennej għidtlu li kellu biżżejjed ċans biex inaddaf u għalhekk infurmajtu li kellu penali.*
> *Hu qalli li kienet waqgħatlu xi ġebla pero' jien ma kontx hemm u allura dwar dak ma nistax nixhed.*

Dwar il-htiega ta'tempestivita` fit-tindif, dan it-Tribunal kellu diga` l-opportunita` li jikkummenta fil-kaz BCT 29/2025 fejn gie deciz is-segwenti:

> *It-Tribunal ma jaqbilx mal-appellanti li, kif tghid l-appell taghha, ghax "il-ligi ma taghti l-ebda definizzjoni tal-kelma immedjat u ma timponi l-ebda terminu ta' zmien partikulari f'liema ghandu isir it-tindif ghalhekk fis-sens naturali taghha din il-*

klawsola tal-ligi ghandha tinftiehem u tinqara li ma hemm l-ebda ksur purche it-tindif isir minghajr dewmien li mhux ragjonevoli". Il-kelma "immedjat" palezement tezigi li l-hmieg jitnaddaf hekk kif jigi krejat u kwindi minnufih, immedjatament. Il-kelma u l-ispirtu tal-ligi ma jistghux jigu interpretata xort'ohra anke ghaliex kull waqt li hmieg, (...) jithalla fuq is-sit jew fil-vicinanzi tieghu, dan jista' jkun kawza ta' perikolu ghas-sahha tan-nies oltre milli naturalment jaffetwa l-amenita` generali taz-zona. Huwa minnu li, almenu skont l-appellanti, il-kuntrattur taghha kien qed inaddaf (...)wara kull gurnata tax-xoghol. Madanakollu, anke kieku dan jirrizulta pruvat, dan mhuwiex dak li trid il-ligi. Il-ligi ma tghidx li s-sit irid jitnaddaf biss wara li l-kuntrattur ikun spicca mix-xoghol imma tezigi proprju li tindif ikun wiehed immedjat.

It-Tribunal ihoss li m'hemmx wisq xi jzid ma' dak hawn fuq riportat. Hawn ukoll jidher li l-haddiem haseb li seta' jistenna li jlesti x-xoghol, jixrob xi haga u mbaghad inaddaf il-materjal li kien waqaghlu fit-triq. Kif imfisser hawn fuq, kien jinkombi anke f'dan il-kaz fuq il-kuntrattur inkarigat li – malli waqaghlu l-kantun fit-triq – jieqaf minn idejh, inaddaqaf u wara dan ikompli b'xoghlu. Hekk biss jista' jinghad li jkunu gew rispettati kemm il-kliem u kif ukoll l-ispirtu tal-ligi kif imfissrin hawn fuq, multo magis f'dan il-kaz fejn jidher mir-ritratti ezebiti mill-Awtorita` li l-materjal ta' kostruzzjoni waqa' fit-triq fuq stop sign u kwindi f'parti tat-triq karreggjabbli minn vetturi b'periklu car ghall-pubbliku.

Illi madanakollu ghandu jigi kkunsidrat ukoll li, in linea wkoll mal-kaz hawn fuq citat, f'dan il-kaz ukoll il-persuna inkarigata mill-appellanti fehmet tassew x'kien qed jigi imputat lilha u hadet l-azzjoni tempestiva b'tali mod li mhux biss it-triq tnaddfet minnufih imma wkoll l-ordni ta' waqfien giet revokata l-ghada stess kif imfisser mill-Perit Spiteri.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal isib li f'dan il-kaz ukoll il-penali mahruga mill-Awtorita` kienet wahda eccessiva u f'kaz ta' htija ser ikun qed jirriduciha ghall-minimu skont il-ligi tenut kont in-natura tal-imputazzjoni, fis-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Illi finalment it-Tribunal ser jndirizza wkoll il-kwistjoni imqanqla mill-appellanti fil-mori fejn issottomettiet "*li t-Tribunal ghandu jikkunsidra li d-data skont it-Trail of Events u d-data fuq ir-ritratti ma jaqblux."* Da parti taghha l-Awtorita` ghamlet "*referenza ghax-xhieda moghtija mill-ufficjal li giet moghtija bil-gurament u li din ix-xhieda taqbel ma'dak iddikjarat fid-*

decizjoni appellata". It-Tribunal jinnota li d-data tar-ritratti taqbel ma' dak indikat fid-decizjoni appellata fejn id-data tal-ksur tar-regolamenti hija indikata bhala dik tad-19 t' Awwissu, 2025. Huwa minnu li t-Trail of Events tindika data differenti ossija dik tal-20 t'Awwissu, 2025 pero` it-Tribunal qed jikkunsidra dan il-fattur mhux influwenti fuq l-ezitu ta' dan l-appell. Fil-fatt, f'dan il-kaz, it-Trail of Events m'hux qed jigi kkunsidrat mit-Tribunal bhala prova tant illi lanqas hemm il-htiega li ssir referenza ghaliha f'din id-decizjoni, tenut kont il-bqija tal-provi prodotti li huma lkoll univoci f'dan ir-rigward. Jigi nutat, fil-fatt, li x-xhieda bil-gurament tal-ufficjal tikkonferma d-data indikata fuq ir-ritratti mehudin minnu li hija l-istess data indikata fid-decizjoni appellata.

Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll jimmerita li jigi michud, bis-sentenza appellata tkun ikkonfermata dejjem soggett ghall-penali kif hawn fuq ridotta.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit u qieghed ghaldaqstant jirriduci l-penali imposta ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) filwaqt li jikkonferma d-decizjoni appellata ghall-bqija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru